



II-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea
STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 40/16
Il-Lussemburgu, 14 ta' April 2016

Digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-14 ta' April 2016 fil-Kawża C-394/15 P

Stampa u Informazzjoni

Dalli vs II-Kummissjoni

II-Qorti tal-Ġustizzja tikkonferma I-inammissibbiltà tar-rikors tal-ex Kummissarju John Dalli dwar ir-riżenja tiegħu li allegatament intalbet mill-ex President Barroso

Fis-16 ta' Ottubru 2012, inżammet laqgħha bejn José Manuel Barroso, li dak iż-żmien kien il-President tal-Kummissjoni Ewropea, u J. Dalli, il-Kummissarju Malti responsabbli għall-portfol tas-saħħa u tal-protezzjoni tal-konsumaturi. Fil-fatt, il-Kummissjoni kienet irċeviet rapport mill-OLAF (Uffiċċju Ewropew ta' Kontra I-Frodi) li kkonkluda li J. Dalli kien ipparteċipa f'diversi laqgħat mhux uffiċjali u kufidenzjali ma' rappreżentanti tal-industrija tat-tabakk, mingħajr il-parteċipazzjoni u mingħajr l-għarfien tad-dipartimenti kompetenti tal-Kummissjoni. Skont I-OLAF, l-immaġni u r-reputazzjoni tal-Kummissjoni kienu ġew kompromessi, tant li l-aġir ta' J. Dalli seta' jitqies li kien nuqqas għad-dmir tiegħu li jaġixxi b'osservanza tad-dinjità u tal-obbligi marbuta mal-funzjoni tiegħu.

J. Dalli jsostni li, matul din il-laqgħa, J. M. Barroso *ex officio* ħa d-deċiżjoni dwar ir-riżenja tiegħu jew, minn tal-inqas, talab ir-riżenja tiegħu billi invoka d-dispożizzjoni tat-Trattat UE¹ li tipprevedi li “[m]emburu tal-Kummissjoni għandu jirriżenja jekk jiġi mitlub jagħmel hekk mill-President [tal-Kummissjoni]”. Il-Kummissjoni tikkontesta dawn l-allegazzjonijiet u ssostni li J. Dalli ppreżenta r-riżenja tiegħu b'mod volontarju. Wara li J. Dalli talab l-annullament ta' din l-allegata talba verbali, il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea, permezz ta' sentenza tat-12 ta' Mejju 2015², ċāħdet ir-rikors ta' J. Dalli bħala inammissibbli. Esseñjalment, il-Qorti Ġenerali ddikjarat li J. Dalli kien ippreżenta r-riżenja tiegħu b'mod volontarju, mingħajr ma din kienet is-suġġett ta' talba formal mill-President Barroso. Fl-assenza ta' att li seta' jiġi kkontestat, il-Qorti Ġenerali kkonkludiet li r-rikors kien inammissibbli.

J. Dalli ppreżenta appell quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja sabiex jikseb l-annullament tas-sentenza tal-Qorti Ġenerali.

Permezz ta' digriet tal-14 ta' April 2016³, **il-Qorti tal-Ġustizzja qed tiċħad l-appell ta' J. Dalli u b'hekk qed tikkonferma s-sentenza tal-Qorti Ġenerali.**

Skont il-Qorti tal-Ġustizzja, **il-Qorti Ġeneral ma wettqet ebda żball meta ddeċidiet li r-riżenja ta' J. Dalli ma kinitx is-suġġett ta' talba formal min-naħħa tal-President Barroso**. Skont il-konstatazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali, J. M. Barroso kien sempliċement ippreżenta żewġ alternattivi lil J. Dalli, jiqifieri, jew li jirriżenja b'mod volontarju jew li jirriżenja fuq talba formal mill-President tal-Kummissjoni. Bħalma għamlet il-Qorti Ġenerali, il-Qorti tal-Ġustizzja tqis li **s-sempliċi riferiment minn J. M. Barroso għall-possibbiltà li jintuża poter, li kien irriżervat lili bħala President tal-Kummissjoni, ma jistax jitqies li huwa ekwivalenti għall-użu effettiv ta' dan il-poter**. Minn dawn il-konstatazzjonijiet fattwali, il-Qorti Ġenerali kkonkludiet li J. Dalli kien ippreżenta r-riżenja tiegħu b'mod volontarju, u din l-evalwazzjoni ta' natura purament fattwali ma tistax tīgi mistħarrġa mill-Qorti tal-Ġustizzja fil-kuntest ta' appell.

¹ Artikolu 17(6) TUE

² Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-12 ta' Mejju 2015, fil-kawża Dalli vs II-Kummissjoni ([T-562/12](#), ara Stqarrija għall-Istampa [Nru 51/15](#)).

³ B'mod ġenerali, id-digrieti jkunu ppubblikati fuq is-sit www.curia.europa.eu sebat ijiem wara n-notifika tagħnhom lill-partijiet.

Nota: Il-Qorti tal-Ġustizzja tista' tiġi adita b'appell, limitat għall-punti ta' liġi, minn sentenza jew minn digriet tal-Qorti Ġeneral. Bħala prinċipju, l-appell ma għandux effett sospensiv. Jekk l-appell ikun ammissibbli u fondat, il-Qorti tal-Ġustizzja tannulla d-deċiżjoni tal-Qorti Ġeneral. Fil-każ li l-kawża tkun fi stat li tiġi deċiża, il-Qorti tal-Ġustizzja tista' taqta' t-tilwima hija stess. Jekk dan ma jkunx il-każ, hija tibgħat il-kawża lura quddiem il-Qorti Ġeneral, li hija marbuta mid-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Ġustizzja fil-kuntest tal-appell.

Nota: Skont l-Artikolu 181 tar-Regoli tal-Proċedura tagħha, meta appell ikun, kompletament jew parjalment, manifestament inammissibbli jew manifestament infondat, il-Qorti tal-Ġustizzja tista', f'kull ħin, fuq proposta tal-Imħallef Relatur u wara li jinstema' l-Avukat Ġenerali, tiddeċiedi li tiċħad dan l-appell, kompletament jew parjalment, permezz ta' digriet motivat.

Dokument mhux uffiċċiali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.

It-test shih tad-digriet jinsab fuq is-sit CURIA

Kuntatt għall-istampa: Christopher Fretwell  (+352) 4303 3355